Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 31/2014

**John Tanti (appellat)**

**Vs**

**Kenneth Gatt (appellant) u Claire Callus (appellata)**

30 ta' Jannar, 2017.

1. Kenneth Gatt appella minn decizjoni tal-Arbitru tat-18 ta' Novembru, 2014 li biha sab li l-appellant hu responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-18 ta' Dicembru, 2011 gewwa l-Msida bejn il-vetturi GAU-872, LCC-016 u BBV-174.

2. L-aggravju tal-appellant hu li ma kienx responsabbli ghall-incident tat-traffiku. L-appellant isostni li fl-ebda hin il-vettura tieghu ma habtet fil-vettura ta' Tanti. Hu jsostni li kien hemm diskrepanza fil-verzjonijiet li nghataw mill-partijiet involuti fl-incident. L-Arbitru naqas milli jezamina d-danni li l-vetturi sofrew u li kellha twasslu ghal konkluzjoni li l-appellant ma kienx responsabbli ghall-incident. Kompla li f'hin minnhom il-vettura ta' Callus, li kienet gejja minn warajh, baqghet diehla go fih.

3. L-appellati wiegbu fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

4. L-appellat Tanti jsostni li l-appell huwa null ghaliex prezentat *fuori termine*. Fit-18 ta' Novembru 2014 l-Arbitru ta d-decizjoni filwaqt li r-rikors tal-appell kien prezentat fl-4 ta' Dicembru, 2014. Skont artikolu 70B(2), appell ghandu jigi pprezentat fi zmien 15 il-jum minn meta tigi ricevuta d-decizjoni finali. M'hemmx prova meta l-partijiet ircevew id-decizjoni. Hu minnu wkoll li dik id-dipsosizzjoni tipprovdi li dak li jinghad fiha hu bla pregudizzju ghal dak li jinghad f'artikolu 6 tar-Raba' Skeda, li jipprovdi: *"Id-decizjoni ghandha titqies li tkun giet ricevuta mill-partijiet* ***fid-data li d-decizjoni tinghata bil-miftuh****"*. Apparti li ma jirrizultax jekk id-decizjoni nghatatx bil-miftuh, lanqas m'hemm prova li l-partijiet gew avzati meta kellha tinghata d-decizjoni. L-ahhar seduta quddiem l-Arbitru saret fit-12 ta' Dicembru 2013 u fl-ahhar tal-verbal jinghad: *"L-avukati ttrattaw il-kaz, u awtorizzaw l-arbitru sabiex ighaddi ghad-decizjoni"*. Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari hi michuda.

5. Ghal dak li jirrigwarda l-fatt li r-rikors tal-appell ma giex notifikat lill-arbitru, tali nuqqas ma kien ta' ebda pregudizzju ghall-appellati.

6. Il-qorti qrat l-atti u fir-rigward tal-meritu tosserva:

    i. L-aqwa prova li sehh impatt bejn il-vettura tal-appellant u dik ta' Tanti, hi d-dikjarazzjoni tal-appellant fir-*road accident report*; *"Kont ghaddej u hassejt il-vettura ha tmurli minn wara. Kif provajt nikkontrollha hassejt daqqa fuq wara u* ***tefghani fuq l-Opel****"*. Mela *a tempo vergine* Gatt kien qal li kien hemm kuntatt bejn iz-zewg vetturi. L-appellant qal: *"Qed tigi moqrija lili l-istatement illi kont tajt lil warden, nghid illi dak il-hin kont taht xokk u ma kont naf il-kliem kif bdew hergin"*. Spjegazzjoni li ghall-Arbitru ma kinitx kredibbli. Il-qorti ma tifhimx kif persuna li tkun taht xokk tista' tghid li l-vettura taghha habtet go vettura ohra, jekk ma jkunx sar kuntatt bejn iz-zewg vetturi. Madankollu, in vista tad-diskrepanza bejn dak li qal *a tempo vergine* u x'qal meta xehed fil-proceduri ta' arbitragg, l-appellant m'ghandux dritt li jippretendi li kellu jitwemmen meta xehed: *"Jiena l-vettura l-ohra f'ebda hin ma lqatta"* (seduta tas-17.10.2013) u *"Nghid illi l-vettura ta' quddiemi jieni qatt ma missejtha"* (seduta tal-25 ta' Gunju, 2013).

    ii. Il-verzjoni li tat Claire Callus fir-road *accident report* hi li l-vetturi li kienu qeghdin isuqu Tanti u Callus kienu mahbutin f'xulxin. Verzjoni li tikkorabora dak li xehed Tanti, li qal: *"Id-daqqa fil-vettura tieghi giet ikkagunata mill-Punto. Bid-daqqa tas-Suzuki, l-Punto ma regghetx dahlet fil-vettura tieghi"*. Hu minnu li meta Callus xehedet fl-arbitragg ma kinitx f'posizzjoni tghid jekk kienx hemm impatt bejn il-vettura tal-appellant u ta' Tanti. F'kull kaz meqjus dak li nghad f'paragrafu (i) jibqa' biss il-verzjoni tal-appellat Tanti (seduta 11 ta' Dicembru, 2012) li hi konsistenti ma' dak li hu rapportat li qal lill-pulizija.

    iii. Il-hsara li sofriet il-vettura ta' Tanti ma teskludix li kien hemm impatt bejn il-vettura tal-appellant u tieghu, kif jidher li jipproponi l-appellant. Fil-fatt fuq il-*bumper* ta' wara tal-vettura ta' Tanti jidher brix (ara ritratti). Fir-*road accident report* giet indikata wkoll hsara fil-*back right wing* tal-vettura tal-appellat Tanti. Hu minnu li fl-atti ma tissemmiex hsara fil-parti ta' quddiem tal-vettura li kien qieghed isuq l-appellant (Punto). Pero' b'daqshekk ma jfissirx li ma sehhx impatt bejn iz-zewg vetturi, iktar u iktar meta l-indikazzjoni hu li l-impatt bejn iz-zewg vetturi ma jidhirx li kien vjolenti izda kien bizzejjed biex tellef lil Tanti l-kontroll tal-vettura li kien qieghed isuq.

    iv. L-appellant argumenta li, *"…. Kien inxurjat comprehensive u allura ma kellu ebda nteress li ma jaccettax it-tort ghall-incident. L-excess tieghu u n-no claim bonu relattiv kien gja mitlub stante li sari l-hlas mill-assikurazzjoni tad-danni minnu sofferti fil-vettura tieghu"*. Fil-fehma tal-

qorti dan ir-ragunament m'ghandu l-ebda rilevanza ghal finijiet biex jigi determinat jekk kellhiex titwemmen il-verzjoni tal-appellant.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-eccezzjoni preliminari li l-appell hu null.**
2. **Tichad l-appell.**

**Spejjez a karigu tal-appellant b'dan li l-appellat Tanti ghandu jaghmel tajjeb ghal 20% tal-ispejjez tieghu fl-istadju tal-appell, in vista li giet michuda l-eccezzjoni ta' nullita tal-appell.**

Anthony Ellul.